**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum**
**2003**

# RELIĠJON

---

**Kull eżerċizzju għandu għaxar marki.**

## A. Aqra din l-istorja u wieġeb dawn il-mistoqsijiet.



Miss Vella talbet lit-tfal tal-klassi jsemmu xi ħaġa li tfakkarhom fil-kobor u fl-għerf ta' Alla. Huma semmew ix-xemx, il-muntanji u x-xmajjar.

Imbagħad l-għalliema talbithom isemmu l-akbar ħolqien ta' Alla. John mill-ewwel qabeż u qal li l-bniedem hu l-akbar ħolqien ta' Alla.

"Imma għaliex?" staqsiet l-għalliema.

Malajr John wieġeb li l-bniedem hu intelliġenti.

L-għalliema mbagħad kompliet tispjega kif il-bniedem tejjeb id-dinja li jgħix fiha. Il-bniedem jaħkem fuq il-ħolqien bix-xogħol tiegħu, bix-xjenza u t-teknoloġija.

It-tfal żiedu jgħidu kif it-televixin, il-kompjuter u l-internet għamlu l-ħajja aħjar għalihom. Verament li l-bniedem hu l-akbar ħolqien ta' Alla.

John ikkummenta li madankollu, il-bniedem ivvinta wkoll l-armamenti. Ċertament dan ma kienx tajjeb.

"Kulma għamel Alla hu tajjeb. Il-ħażin ġej mill-qalb tal-bniedem," ikkonkludiet l-għalliema.

1. Ikteb żewg eżempji oħra, barra x-xemx, il-muntanji u x-xmajjar, li juru l-kobor ta' Alla. ____________________ ____________________
2. Għaliex il-bniedem hu l-akbar ħolqien ta' Alla?
   ____________________________________________
3. Kif jista' l-bniedem juża l-intelliġenza tiegħu biex jagħmel dinja aħjar?
   ____________________________________________
4. Agħti eżempju mill-istorja tad-dinja biex turi meta l-bniedem uża l-intelliġenza tiegħu tajjeb.
   ____________________________________________
5. Agħti eżempju mill-istorja tad-dinja biex turi meta l-bniedem uża l-intelliġenza tiegħu ħażin.
   ____________________________________________
6. Alla kif juri t-tieba tiegħu kull meta l-bniedem jagħraf li żbalja?
   ____________________________________________
7. Ikteb **talba qasira** lil Alla biex titolbu maħfra għal xi dnub li għamilt.
   ____________________________________________
   ____________________________________________
8. Ikteb **talba qasira** lil Alla biex tirringrazzjah għal xi grazzja li rċevejt minn għandu.
   ____________________________________________
   ____________________________________________

## B. Aqra din l-istorja mill-Vanġelu u wieġeb il-mistoqsijiet.



Fl-Għid il-Kbir, żewġ dixxipli kienu sejrin Emmaws. Kienu qed jitkellmu dwar dak li ġara lil Ġesù. Waqt li kienu qed jitkellmu bejniethom, Ġesù resaq lejhom. Imma huma ma ndunawx li kien Ġesù.

Huma tkellmu miegħu fuq kif il-qassisin tal-Lhud kienu taw lil Ġesù għall-mewt. Huma kienu jaħsbu li hu kien dak li kellu jmexxi lil Israel. "Issa ġa għaddew tlett ijiem minn din il-ġrajja," qalulu. "Dalgħodu xi nisa marru sal-qabar u raw xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Xi wħud minn sħabna wkoll marru ħdejn il-qabar, imma lilu ma rawhx".

Ġesù weġibhom, "Ja boloh u tqal biex temmnu dak li ħabbru l-profeti tagħna." Imbagħad beda b'Mosè, u spjegalhom dak li kien hemm fl-Iskrittura u x'qalu l-profeti dwaru.

Meta qorbu lejn ir-raħal, Ġesù sellmilhom biex jibqa' sejjer għal triqtu imma waqqfuh u talbuh jibqa' magħhom. Hu aċċetta l-istedina tagħhom, u waqt l-ikel, ħa l-ħobż, bierku, qasmu u tahulhom. Dak il-ħin indunaw li kien il-Mulej Ġesù imma hu għeb minn quddiemhom.

1. Meta ġrat din l-istorja?

   ______________________________

2. Fuqiex kienu qed jitkellmu d-dixxipli?

   ______________________________

3. F'liema ktieb insibu dak li qal Mosè u l-profeti dwar Ġesù?

   ______________________________

4. Fejn kienu jmorru l-Lhud f'Jum is-Sibt biex jitgħallmu t-tagħlim ta' Mosè u l-profeti?

   ______________________________

5. Għaliex l-Għid il-Kbir hu daqshekk importanti għalina l-insara?

   ______________________________

6. Id-dixxipli għarfu lil Ġesù waqt li kien qed jaqsam il-ħobż. Semmi ġrajja oħra li fiha Ġesù qasam il-ħobż qabel ma miet.

   ______________________________

   ______________________________

7. Xi jsir mill-ħobż u l-inbid meta s-saċerdot jgħid "Dan hu ġismi... Dan hu demmi"?

   ______________________________

8. Kif għandna nħejju ruħna sew biex nirċievu t-tqarbin?

i. Billi nkunu sajmin għal ______________________________

ii. Billi naħfru lil min ______________________________

iii. Billi ruħna tkun mingħajr ______________________________



## Ċ. Agħmel sinjal taħt l-aħjar kelma jew frażi.



Eżempju: Matul is-sena, il-Knisja tiċċelebra l-ġrajjiet importanti (**<u>tal-ħajja ta' Ġesù</u>**, ta' l-istorja ta' Malta, ta' l-istorja tad-dinja).

1. L-Avvent hu żmien ta' tħejjija (għall-Milied, għall-Għid il-Kbir, għall-Pentekoste).
2. Fil-festa tal-Milied il-qassis jilbes (l-aħdar, il-vjola, l-abjad) waqt il-quddiesa.
3. Fir-Randan l-insara (jifirħu, jsumu, jkantaw l-Hallelujah).
4. Il-Blandun hu sinjal li Ġesù (qam mill-mewt, twieled f'Betlehem, tela' s-sema).
5. Fil-Pentekoste niċċelebraw (it-tieni miġja ta' Ġesù, it-twelid ta' Ġesù, il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu).
6. Aħna niċċelebraw it-tlugħ tal-Madonna fis-sema, Santa Marija, (fit-8 ta' Diċembru, fit-8 ta' Settembru, fil-15 t' Awissu).
7. Niċċelebraw in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta (fl-10 ta' Frar, fil-31 ta' Marzu, fil-21 ta' Settembru).
8. Meta ngħidu r-Rużarju aħna naħsbu fuq il-ġrajjiet ewlenin tal-ħajja (ta' Ġesù u Marija, ta' San Pietru u San Pawl, tal-qaddisin kollha).
9. Bħala nsara niċċelebraw il-festa tal-parroċċa (biex nuru li aħna l-familja t'Alla, biex niddevertu, biex ingawdu n-nar).
10. L-Għid il-Kbir ifakkarna (fit-twelid, fil-magħmudija, fil-qawmien mill-mewt) ta' Ġesù.

## D. Qabbel. (Ara l-ewwel eżempju)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-Knisja ta' Kristu hi waħda** | | meta nkunu magħqudin mal-Papa u l-isqfijiet tagħna. |
| 2. | Il-Knisja ta' Kristu hi qaddisa | | għaliex Kristu ried li d-dixxipli tiegħu jgħallmu 'l-ġnus kollha. |
| 3. | Il-Knisja ta' Kristu hi Appostolika | | biex jibqa' magħna sa l-aħħar tad-dinja. |
| 4. | Il-Knisja ta' Kristu hi Kattolika | | għaliex hu bagħat l-Ispirtu s-Santu biex iħarisha mid-dnub. |
| 5. | Ġesù waqqaf il-Knisja | | għaliex timxi fuq it-tagħlim ta' l-Appostli. |
| 6. | Aħna l-familja t'Alla | **1.** | **għaliex hu ried li d-dixxipli tiegħu ikunu merħla waħda taħt ragħaj wieħed.** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | Il-Maltin daħlu fil-familja ta' Alla | | billi nieħdu sehem fil-quddiesa. |
| 8. | Matul it-tliet xhur li dam hawn | | kien l-ewwel isqof ta' Malta. |
| 9. | Niċċelebraw il-festa ta' San Pawl | | San Pawl għallem dwar Alla u dwar is-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. |
| 10. | Skond it-Tradizzjoni, San Publiju | | insibuha fl-Atti ta' l-Appostli. |
| 11. | L-istorja tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta | | meta San Pawl ġie Malta. |

## E. Ikteb sentenza biex tispjega x'isir f'dawn is-sagramenti.



Eżempju: **Dilka tal-Morda**: **<u>F'dan is-sagrament Ġesù jgħin lill-morda fit-tbatijiet tagħhom.</u>**

1. Magħmudija ____________________________________________
2. Griżma ____________________________________________
3. Qrar ____________________________________________
4. Tqarbin ____________________________________________
5. Ordni Sagri ____________________________________________

## F. X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal bħala nsara tajbin. Agħti żewġ tweġibiet għal kull waħda.



Eżempju: **Grace taf li hemm tifla fqira ħafna fil-klassi.**

i. <u>Tħalliha tilgħab bil-kompjuter tagħha.</u>

ii. <u>Tfittex li dejjem toqgħod tilgħab magħha biex qatt ma tkun weħidha.</u>

1. Peter seraq xi flus mingħand sieħbu.

i. ____________________________________________

ii. ____________________________________________

2. Mary ivvintat gidba fuq tifla tal-klassi u qalet lit-tfal kollha.

i. ____________________________________________

ii. ____________________________________________

3. Tal-ħanut ta bqija żejda lil Tony. Tony ma qal xejn u żamm kollox għalih.

i. ____________________________________________

ii. ____________________________________________

4. Il-ġara ta' Angela hi mara xiħa u għamja.

i. ____________________________________________

ii. ____________________________________________

5. Ġorġ sema' lil sieħbu jidgħi.

i. ____________________________________________

ii. ____________________________________________

## Ġ. Aqra sewwa din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

Darba jien mort ma' ħabibi Robby u waqafna ħdejn wieħed tal-*hot dogs*. Qgħadna naraw lil tal-*hot dogs* jagħmel il-*hot dogs* kif iħobbhom Robby. Meta Robby ħareġ il-flus biex iħallas bqajna skantati.

"Dan il-*hot dog* daqsxejn mgħaffeġ," qalilna, "ħuduh b'xejn u tħallsunix. Forsi b'hekk nagħmel xi ħaġa tajba llum".

Irringrazzjajnieh u morna ħdejn sħabna fil-*park* nieklu l-ikel li kellna. Waqt li konna nieklu flimkien, kien hemm raġel bilqiegħda warajna. Kien jidher li kien ilu ma jinħasel xhur sħaħ. Kien raġel bla dar minn dawk li jkun hemm Londra. Ippruvajt ma nagħtix kasu.

Wara li kilna, morna n-naħa l-oħra tal-*park*. X'ħin morna ħdejn it-tank biex narmu l-borża ta' l-ikel, smajna leħen dgħajjef warajna jsaqsina, "M'hemmx xi biċċa ħobż fil-borża, hux?"

Kien ir-raġel li konna rajna qabel. Ma konniex nafu x'ser naqbdu ngħidu. "Kilnieh kollu!"

Dak ir-raġel kien bil-ġuħ. Tħassartu. Imbagħad Robby qallu, "Stenna ftit," u telaq jiġri. Mar jixtri *hot dog* u tah lir-raġel bil-ġuħ.

"Ridt nagħmel xi ħaġa tajba bħalma għamlu miegħi", qalli Robby.

*Tradott u adattat minn J. Canfield et al "Chicken Soup for the Teenage Soul"*

1. Għaliex ir-raġel kien qed iħares lejn it-tfal?

_______________________________________________

2. Taħseb li t-tfal kienu jafu li kien raġel fqir? Kif taf?

_______________________________________________

3. X'kien qed ifittex fit-tank taż-żibel?

_______________________________________________

4. Kif għenu Robby?

_______________________________________________

5. Għaliex Robby ħass li kellu jgħinu?

_______________________________________________

6. Int kif tista' tgħin tfal fqar fl-iskola tiegħek? Agħti **żewġ eżempji**.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Semmi xi ħaġa sabiħa li għamel miegħek xi ħadd.

_______________________________________________

_______________________________________________

8. **Ikteb talba** biex tirringrazzja lil Alla ta' xi ħaġa tajba li rċevejt mingħand ħaddieħor.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## G. Imla l-vojt.



**Gabrijel, Eġittu, Marija, salib, Erodi, Eliżabetta, Ġesù, Alla, Maġi, Pentekoste, Lvant**

<u>**Marija**</u> hija l-omm ta' Ġesù. Hija emmnet dak li qalilha l-anġlu _______________ meta ħabbrilha li kellha ssir l-omm ta' Ġesù. Marija ma tkabbritx. Meta semgħet li l-qariba tagħha _______________ kien se jkollha tarbija, hi marret malajr fid-dar tagħha biex tgħinha. Hi ferħet meta semgħet lill-qariba tagħha ssejħilha 'mbierka'.

Marija ħadet ħsieb ta' Ġesù bl-akbar għożża. Ħadet pjaċir tilqa' lill-_______________ li ġew mil-_______________ biex jaraw lil Ġesù u joffrulu r-rigali. Hi marret fl-_______________ biex tkun ċerta li s-sultan _______________ ma joqtlux.

Hi dejjem kienet qrib ta' _______________ kull fejn mar. Kienet qrib tas-_______________ fl-aħħar mumenti kefrin ta' ħajtu.

Fl-aħħar nett kienet ma' l-Appostli f'_______________. Hemm hi fehmet tassew kemm _______________ għamel magħha ħwejjeġ kbar.

## GĦ. Ikteb fi kliemek ħames (5) sentenzi dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta.



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## H. Kompli dawn is-sentenzi meħudin mit-talb li taf.



Eżempju: Fl-isem tal-Missier **u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.** Amen.

1. L-anġlu t'Alla ħabbar lil Marija ______________________________
2. Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej ______________________________
3. U l-Iben t'Alla sar bniedem ______________________________
4. Sliem għalik, Marija, ______________________________ . Il-Mulej Miegħek.
5. Qaddisa Marija ______________________________ itlob għalina midinbin.
6. Missierna ______________________________ ismek.
7. Ħobżna ______________________________ llum.
8. Jiena nemmen ______________________________ il-Missier li jista' kollox .
9. Kif kien ______________________________ u jibqa' għal dejjem ta' dejjem, Amen.
10. Sliem għalik, Sultana,______________________________ ħajja, ħlewwa, tama tagħna.

